Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 1/2017

**Adalberto Goncalves Amorin (KI 45463A) u**
**Lilian Mendes (KI 0123389A)**

vs

**Zekka Enterprises**

14 ta' Mejju 2018

1. **Din hija talba għall-ħlas tas-somma ta' €400 rappreżentanti prezz ta' arloġġ (allegatament difettuż) mixtri mingħand is-soċjeta` konvenuta.**

2. Fis-16 ta' Diċembru 2015 l-atturi ippreżentaw talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet ta' Konsumaturi, sabiex is-soċjeta` konvenuta tiġi ordnata tirrifondilhom is-somma ta' €400 rappreżentanti l-prezz ta' arloġġ tad-ditta Bulova (98B230) mixtri mingħandha[1]. Spjegaw illi kull meta l-attur kien jilbes l-arloġġ ma kienx jaħdem sew, u għalhekk ħaduh lura għand il-konvenuta. Isostnu li minkejja li t-*technician* tal-konvenuta kkonkluda li ma fih xejn ħażin, tali arloġġ baqa' ma jaħdimx sew kull meta kien jilbsu l-attur. Jilmentaw illi mhux talli baqgħet ma nstabitx soluzzjoni bejn il-partijiet, talli għax l-attur kien imur jilmenta fil-ħanut tas-soċjeta` attriċi, hija kienet għamlet rapport l-għassa tal-pulizija.

3. Fit-22 ta' Marzu 2016 is-soċjeta` konvenuta Zekka Enterprises wieġbet biex

[1] Riċevuta fiskali Dok A

tgħid illi:

(i) Primarjament ai termini tal-Artikolu 79 tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta konsumatur għandu javża lill-kummerċjant bil-miktub b'kull nuqqas ta' konformita` fi żmien xahrejn mid-data meta l-konsumatur ikun intebaħ b'dak in-nuqqas – ħaġa li l-atturi m'għamlux – u għalhekk it-talba għandha tkun..........[2];

(ii) Wara li l-attur xtara l-arloġġ, huwa kien reġa' mar il-ħanut sabiex ibiddlu ma' mudell ieħor, liema talba ma setgħetx tintlaqa;

(iii) Ġimgħa wara l-attur reġa' mar il-ħanut biex jilmenta li l-arloġġ ma kienx qed jaħdem sew, iżda t-*technician* ma seta' jsib xejn ħażin fih;

(iv) L-attur reġa' mar il-ħanut diversi drabi oħra, u minkejja li l-arloġġ reġa' ntbagħat għand it-*technician* baqa' ma nstab xejn ħażin fih;

(v) L-attur baqa' jmur fil-ħanut ħafna drabi oħra u ppretenda li jieħu l-flus lura, u imbagħad beda jitkellem ħażin u jinsulenta lil tal-ħanut tant li kellu jagħmel rapport mal-pulizija;

(vi) It-talbiet huma infondati stante li l-arloġġ jaħdem sew.

4. Fis-17 ta' April 2017 it-Tribunal ċaħad it-talba tal-atturi abbażi tal-fatt li ma ġiex pruvat li l-arloġġ kien difettuż.

5. Fit-8 ta' Mejju 2017 l-atturi appellaw mis-sentenza u talbuha tirrevoka s-sentenza appellata u tilqa' t-talba tagħhom u tordna lis-soċjeta` konvenuta tħallasha l–ammont ta' €400 bħala kumpens u wkoll danni morali. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` konvenuta.

6. L-aggravji tal-atturi appellanti huma tnejn:

(i) Fl-ewwel lok isostnu illi l-jedd tagħhom għal smigħ xieraq ġie preġudikat għax kien hemm ksur tal-prinċipju tal-ġustizzja naturali *audi alteram partem*.

(ii) Fit-tieni lok il-provi ma ġewx apprezzati kif suppost.

7. Is-soċjeta` konvenuta fit-12 ta' Ġunju 2017 wieġbet biex tgħid illi sentenza tat-Tribunal hija ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi

[2] is-sentenza ma tkomplix.

kontra l-appellanti[3].

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:**

**L-ewwel aggravju**: ***nuqqas ta' tħaris tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.***

8. L-ewwel aggravju tal-atturi hu li t-Tribunal ma ħarisx il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fil-konfront tagħhom. Aggravju li jinkwadra taħt l-Artikolu 22(1)(ċ) tal-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi li hemm dritt ta' appell minn sentenza tat-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi: "*meta t-tribunal ikun mar kontra l-prinċipji ta' ġustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella*".

9. L-atturi jilmentaw illi t-Tribunal ċaħad diversi tentattivi tagħhom li jressqu "*provi skjaċċanti*" dwar it-talba tagħhom, fosthom video li juri l-malfunzjoni tal-arloġġ u korrispondenza diretta mar-rappreżentani tal-marka Bulova. Jaċċennaw ukoll għar-rimarki li għamel it-Tribunal, senjatament:

- li kien ta l-possibilita` lill-partijiet biex jipprovdu espert tekniku; u
- li għalkemm ma kienx irnexxilu jinnotifikahom (lill-atturi) b'tali opportunita`, kien id-dmir tagħhom li jsegwu l-każ tagħhom bir-reqqa.

u jgħidu "*Illi dan ma ġiex ikkonfermat*".

10. Mill-atti jirrizulta li:

| | |
|---|---|
| 23.05.2016 | Deher Anthony Farrugia għas-soċjeta` konvenuta assistit mid-difensur tiegħu.<br><br><u>Dehru l-atturi mhux assistiti minn difensur legali, iżda ma oġġezzjonawx li l-kawża tipproċedi</u>.<br><br>*"Plaintiffs were advised that should they wish to be assisted by legal counsel, the case can be adjourned to another day. Plaintiffs decided to proceed with the case."* |

[3] Għalkemm tgħid li l-ispejjeż għandhom ikunu kontra "s-soċjeta` appellant", jidher li din hija *lapsus calami.*

| | |
|---|---|
| | Xehdet l-attriċi Lilian Ronsoni Mendes u esebiet xi dokumenti.<br><br>Xehed l-attur Adalberto Goncalves Amonim.<br><br>Sarulhom il-kontro-eżamijiet.<br><br>L-atturi ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu u għalhekk is-soċjeta` konvenuta bdiet bil-provi tagħha.<br><br>Xehed Clifton Friggieri (technician).<br><br>Il-kawża ġiet differita għat-18.07.2016 għall-kontinwazzjoni tal-ġbir tal-provi. |
| 18.07.2016 | Dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri relattivi tagħhom.<br><br>Xehed Anthony Farrugia u esebixxa xi dokumenti.<br><br>Xehdet Marlene Farrugia (mart Anthony Farrugia).<br><br>Il-kawża ġiet differita għas-17.10.2016 għall-egħluq tal-provi u għall-kontro-eżamijiet. |
| 17.10.2016 | Dehru l-partijiet assistiti mid-difensuri relattivi tagħhom.<br><br>Kompla jixhed Anthony Farrugia u esebixxa xi dokumenti. Sarlu l-kontro-eżami.<br><br>Il-kawża ġiet differita għas-sentenza għall-24.01.2017 bil-fakolta` li l-partijiet jippreżentaw is-sottomissjonijiet relattivi tagħhom. (Dawn fil-fatt saru). |
| 24.01.2017 | It-Tribunal ma tax is-sentenza. Spjega li meta ġie biex jikkunsidra l-każ sabiex jagħti s-sentenza irriżultalu li "*it did not have the technical expertise to decide the case itself based on the evidence that so far has been tendered, which is at best conflicting.*"<br><br>Għalhekk kien tal-fehma li kien "fl-aħjar interess tal-ġustizzja" li jitqabbad espert tekniku sabiex jeżamina l-arloġġ u jiddetermina jekk dan hux qed jiffunzjona kif suppost. Huwa innomina lil Maurice Agius għal dan il-għan.<br><br>Il-kawża ġiet differita għas-17.04.2017 għar-rapport.<br><br>Skont ma jidher mir-riferti, sar tentattiv biex il-verbal jiġi kkomunikat lill-partijiet. Is-soċjeta` konvenuta ġiet notifikata, iżda l-atturi ma ġewx notifikati – "*unclaimed 26/1; 27/1*". |
| 07.03.2017 | It-Tribunal ta digriet fejn spjega li mill-aħħar differiment ġew ikkuntattjati żewġ esperti, u t-tnejn li huma irrifjutaw li jiġu nominati. Għalhekk huwa ta l-opportunita` lill-partijiet sabiex jipprovdu espert huma stess:<br><br>"*Orders that this note-verbal be brought to the notice of the parties, who are to provide an expert themselves within ten weeks from today, failing which the Tribunal will decide the case according to the* |

| | |
|---|---|
| | *evidence so far filed.*" |
| | Skont ma jidher mir-riferti, sar tentattiv biex id-digriet jiġi notifkat lill-partijiet (u fil-każ tal-atturi, il-verbal tal-24.01.2017 ukoll). Is-soċjeta` konvenuta ġiet notifikata, iżda l-atturi ma ġewx notifikati – "*unclaimed 9/3; 10/3*". |
| bla data | is-soċjeta` konvenuta ppreżentat nota fejn spjegat li kienet diġa pproduċiet xhud *ex parte* u għalhekk ma kienx hemm il-bżonn li tressaq ieħor. |
| | Sar tentattiv ieħor sabiex l-atturi jiġu notifiki kemm bil-verbal tal-24.01.2017 u kif ukoll bid-digriet tas-07.03.2017, iżda għal darb'oħra, inutilment - "*unclaimed 8/4; 10/4*". |
| 17.04.2017 | Ingħatat is-sentenza. |

11. L-atturi jsostnu li għandhom *video* tal-movimenti tal-arloġġ kif ukoll korrispondenza mingħand id-ditta Bulova, fejn wara li din allegatament rat tali video, ikkonfermat li hemm xi ħaġa ħażina fil-mekkaniżmu tal-arloġġ. Dan jgħiduh fin-nota tas-sottomissjonijiet tagħhom fejn jilmentaw li s-soċjeta` attriċi mhux biss naqset li tirreferi l-problema lid-ditta Bulova hi stess, talli rrifjutat li tara l-korrispondenza ta' bejniethom wara li huma kkomunikaw magħha.

12. Iżda minn imkien ma jirriżulta illi t-Tribunal, "*ċaħad diversi tentattivi tar-rikorrenti appellanti li jressqu provi skjaċċanti dwar l-ilment tiegħu, fosthom video li juri il–malfunżjoni tal-arloġġ in kwistjoni u korrispondenza diretta mar-rappreżentanti tal-marka Bulova*" (paġna 2 tar-rikors tal-appell).

13. Dwar l-osservazzjoni tat-Tribunal, li ta lill-atturi l-opportunita` li jressqu opinjoni ta' espert tekniku, dan jirriżulta mid-digriet tas-7 ta' Marzu 2017. Dwar l-osservazzjoni tat-Tribunal li ipprova jinnotifikahom (inutilment), dan ukoll jirriżulta.

14. Issa fis-sentenza tas-17 ta' April 2017 it-Tribunal aċċenna għall-fatt illi ma kellux mod kif ikun jaf jekk l-atturi kinux għadhom joqgħodu fil-gżejjer Maltin jew jekk sempliċiment għażlux li jinjoraw l-avviż. Ikkummenta illi huwa fl-interess tagħhom li jsegwu l-każ bir-reqqa u li jgħarrfu lit-Tribunal f'każ li

jbiddlu l-indirizz. L-indirizz li taw l-atturi hu fond fil-Madliena (ara l-avviż tat-talba). Ma jirriżultax li waqt is-smiegh tal-kawża nfurmaw lit-Tribunal li kienu bidlu l-indirizz. Pero' fir-rikors tal-appell taw indirizz differenti minn dak li ddikjaraw fl-avviż tal-appell.

15. Hu minnu li d-digriet tas-7 ta' Marzu, 2017 ma giex notifikat lill-atturi. Dak li kien qiegħed jipprospetta t-Tribunal kien li l-partijiet jissuġġerixxu isem ta' espert tekniku li jkun indipendenti minnhom u mhux li jressqu prova *ex parte* ta' persuna li tifhem fl-arloġġi. Tant hu hekk li fl-aħħar parti tas-sentenza qal li ta l-oppotunita' lill-partijiet *"... to suggest the name of an independent expert..."*. Kliem li evidentement juri li f'dak l-istadju ma kienx ta l-opportunita lill-partijiet li jressqu opinjoni ta' xhud *ex parte* iżda li jiftehmu fuq isem ta' persuna indipendenti minnhom. Għalhekk f'dawk iċ-ċirkostanzi t-Tribunal xorta kien ser ikollu jgħaddi biex jagħti s-sentenza a bażi tal-provi li kien hemm fl-atti.

16. M'hemmx dubju li kull parti kellha kull opportunita, kieku riedet, li tressaq bħala xhud espert *ex parte*. Prova li saret biss mill-konvenuta (ara deposizzjoni ta' Clifton Farrugia). Wara li l-qorti qieset in-nota li ppreżentat Zekka Enterprises, temmen li l-partijiet ma kinux ser jiftehmu fuq isem ta' persuna indipendenti li setgħet tinħatar biex jeżamina l-arloġġ u jiddetermina kienx difettuż. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra dak li qalet il-konvenuta fl-aħħar żewġ paragrafi tal-istess nota. Dan apparti li l-qorti fehmet li f'dan l-aggravju l-ilment tal-atturi hu spjegat f'paragrafi 10, 11 u 12 tar-rikors tal-appell li m'ghandU x'jaqsam xejn man-notifika tad-digriet tas-7 ta' Marzu, 2017. Il-qorti tiddeċiedi l-appell a bażi tal-ilment li jsir mill-appellant.

**<u>It-tieni aggravju</u>: *apprezzament tal-provi.***

17. L-atturi appellanti jilmentaw ukoll illi ma saritx evalwazzjoni tal-provi kif suppost u li dan joħroġ ċar minn ċertu rimarki li għamel it-Tribunal fis-sentenza. Jilmentaw illi t-Tribunal ta piż lill-fatt li huma ma ħadux l-arloġġ lura immedjatament, u l-unika prova kienet it-testimonjanza tagħhom.

Jargumentaw li minkejja li l-attriċi dejjem sostniet li l-arloġġ kien jaħdem effettivament qatt ma ppreżentat rapport jew analiżi teknika fir-rigward.

18. Pero` kif tajjeb wieġbet is-soċjeta` konvenuta, din hija materja ta' apprezzament ta' provi, li dwarha ma hemmx dritt ta' appell ladarba l-ammont mitlub huwa inqas minn €1,200. [Artikolu 22(3) tal-Kap 378]. F'kull każ il-konvenuta ressqet bħala xhud *ex parte* lil Clifton Farrugia.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.